MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 31/2002

**Salvu Schembri f'isem Polidano & Schembri Co. Ltd.**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' datat 30 ta' Settembru 2002 ta' Salvu Schembri f'isem Polidano & Schemrbi Co. Ltd. a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'decizjoni tat-13 ta' Settembru 2002 fil-kaz fl-ismijiet premessi l-Onorabbli Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, iddecieda billi cahad l-appell mill-iskedar interpost mir-rikorrent billi kien *fuori termini*.

Illi l-esponent hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u ghalhekk qieghed jinterponi bil-prezenti umili appell minnha ghal quddiem il-Qorti tal-Appell kompetenti.

Illi l-aggravju tieghu hu car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

Illi l-Onorabbli Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kien zbaljat fi tliett punti, u cjoe' li jammetti x-xhieda li ta' Franco Pisani quddiem Qorti ohra bhala parti mill-process, li jqis xhieda li lanqas biss taghti dettalji ta' dati u luogi precizi bhala ammontanti ghal notifika, u li jqis li t-terminu kellu jibda jghaddi minn meta l-Bord iddesuma li l-appellant kien jaf bl-iskedar u mhux minn dik id-data li kien gie notifikat bih skond il-ligi.

Illi dwar l-ewwel sottomissjoni jigi notat li l-istess xhud kien ta x-xhieda tieghu quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u f'dik ix-xhieda kien stqarr li ma kienx jiftakar jekk kienx ta kopja ta' l-iskedar lill-appellant. Sussegwentement l-Awtorita' esebiet ix-xhieda li kien ta l-istess xhud quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Din ix-xhieda kienet ghalhekk inammissibbli ghaliex mhux lecitu li wiehed jesebixxi x-xhieda li xhud ikun ta f'Qorti ohra meta dak ix-xhud ikun tressaq jixhed huwa nnifsu. Jekk l-Awtorita' riedet tattakka x-xhieda ta' l-impjegat taghha stess allura dik ix-xhieda kienet doppjament inammissibbli ghaliex ma hux lecitu lill-parti li tattakka dak li x-xhud taghha jkun stqarr taht gurament. Ghalhekk ix-xhieda moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienet fi kwalsiasi kaz inammissibbli.

Illi mbaghad anke jekk wiehed jammetti l-istess xhieda, xhieda li sostanzjalment ma tiftakarx id-dettalji precizi tad-dokument in kwistjoni, u partikolarment tad-data preciza ta' meta dak id-dokument ikun inghata ma tistax tammonta ghal notifika valida skond il-ligi. Jekk dan jigi ammess allura n-notifiki kollha jsiru *labile* ghall-interpretazzjoni soggettiva tal-parti. In-notifika trid issir u tigi ppruvata f'termini precizi u mhux biss f'sens li wiehed jiftakar li f'sena jew f'xahar partikolari jkun ikkonsenja dokument.

Illi fl-ahharnett, u l-izjed punt importanti, huwa li l-ligi tirrikjedi li l-iskedar jigi notifikat lis-sid b'ittra ufficjali u t-terminu ta' dak l-appell jghaddi minn tali notifika. F'dan il-kaz ma saret l-ebda prova li tali notifika kienet saret u ghalhekk it-terminu ma kienx ghadda. Ladarba l-ligi tirrikjedi notifika b'ittra ufficjali huwa dak li jrid isir biex it-terminu jibda jghaddi, u x-xjenza, piu' o meno vaga, li jkun sar xi skedar waheda mhux sufficjenti sa biex jibda jghaddi t-terminu. L-Awtorita' kienet obbligata taghmel in-notifika tal-iskedar fit-termini tal-ligi fuq is-sidien, haga li naqset li taghmel. Ghalhekk ma hux korrett li wiehed jikkonkludi li l-appell kien barra t-terminu.

Ghaldaqstant l-esponent filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi kollha gja' migbura u jirriserva li jgib dawk il-provi kollha ammessi mill-ligi, inkluza s-subizzjoni tal-appellat, ghall-liema dan gja' qieghed jigi kjamat, jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni taghha tat-13 ta' Settembru 2002, fil-kaz fl-ismijiet premessi u b'hekk tilqa' dan l-appell, tiddikjara l-appell maghmul fit-terminu u tirrinvija l-atti ghal quddiem l-Onorabbli Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ghall-kontinwazzjoni.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process;

Rat ir-risposta tal-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a fol. 11 sa 15 tal-process:-

1. Illi preliminarjament jinghad li l-appell interpost mill-applikant huwa null *stante* li mhux qed isir skond l-**artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kap. 356**) li jghid hekk:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Nferjuri)."*

Fil-fatt huwa principju risaput li meta jsir appell minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dan ghandu jsir minn punti ta' ligi li jkunu gew dibattuti fit-trattazzjonijiet li jsiru quddiem il-Bord u li jkunu gew decizi mill-istess Bord. Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' dina l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **"Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996, fejn gie spjegat li :-

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi ….. Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata."*

Illi fil-kaz in ezami l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ma ddecieda l-ebda punt ta' ligi izda sempliciment applika l-*policies* rilevanti skond il-Pjan ta' Struttura ghall-kaz in ezami. Huwa ben risaput li l-interpretazzjoni tal-ligijiet u regoli dwar l-ippjanar tinsab fid-diskrezzjoni tal-Bord tal-Appell, li huwa kompost, *inter alia*, minn persuni teknici u esperti fil-qasam ta' l-ippjanar, u ghaldaqstant ghandu jkun dan il-Bord li jiddeciedi dwar materji teknici. Dan il-principju, jigifieri li l-interpretazzjoni tal-ligi maghmula mill-Bord mhijiex sindakabbli, kien konfermat regolarment mill-gurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti. (**"Dr. Alfred Grech vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** – sentenza tal-31 ta' Mejju 1996 – Appell Nru. 93/97).

Dan l-insenjament kien konfermat f'diversi sentenzi ohra fosthom **"Zaren Camilleri vs Awtorita' tal-Ippjanar"** – Decizjoni tat-28 ta' Frar 1997 – Qorti tal-Appell – fejn il-Qorti qalet illi:-

*"Johrog car minn din id-dispozizzjoni (u cjoe' l-Artikolu 15 (2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp) li l-gurisprudenza li nghatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt. U biex*

*appell fuq punt ta' dritt ikun ammissibbli, l-istess punt ta' dritt irid ikun deciz mill-Bord fid-decizjoni. Fi kliem iehor biex ikun hemm lok ghall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-decizjoni appellata semplici applikazzjoni ta' ligi ghall-fatti tal-kawza jew semplici enuncjazzjoni ta' xi ligi, izda invece jrid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li holqot vertenza jew diskussjoni u li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta."*

L-istess insenjament kien kif ukoll f'sentenza ricenti u cjoe' **"Delicata vs Awtorita' tal-Ippjanar"** (Decizjoni tal-31 ta' Mejju 2002 – Appell numru 165/97 – Qorti tal-Appell) fejn dina l-Onorabbli Qorti sostniet illi l-appellant kien qed jirribadixxi kwazi testwalment in-nota ta' sottomissjonijiet li kien ipprezenta quddiem il-Bord u jippretendi li din il-Qorti ta' l-Appell tiddeciedi dwar dawn il-punti teknici. F'din id-decizjoni l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"Evidentement din il-Qorti m'ghandha l-ebda setgha u gurisdizzjoni li taghmel dan, billi s-sottomissjonijiet li saru mill-appellant jirrigwardaw fatti u nterpretazzjonijiet ta' policies li ma jirrisolvux ruhhom f'punti ta' dritt. Kif diga' ntqal il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti f'dawn l-appelli statutorji hija limitatissima u certament hija m'ghandhiex is-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghad-diskrezzjoni tal-Bord fuq dawn il-punti teknici li jikkostitwixxu biss punti ta' fatt li ghalhekk ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti."*

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad illi x-xhieda li nghatat minn Franco Pisani quddiem il-Qorti tal-Magistrati tressqet mill-Awtorita' bhala prova in sostenn ta' l-argumenti taghha li l-appell quddiem il-Bord kien sar tardivament. Madanakollu, mix-xhieda li ta l-istess Franco Pisani quddiem il-Bord, fl-14 ta' Settembru 1999 u fit-2 ta' Novembru 2001, kien jirrizulta ampjament illi huwa kien ta kopja tal-iskedar u tal-pjanta annessa ma' l-istess skedar fi Frar tal-1998 lill-appellant nomine. Fil-fatt fix-xhieda originali tieghu tal-14 ta' Settembru 1999, Franco Pisani kien diga' kkonferma li kien ta kopja tal-iskedar, waqt laqgha li saret mal-appellant nomine u mal-Perit tieghu

Mariello Spiteri, izda ma kienx cert jekk tahiex lill-applikant jew lill-Perit Spiteri. Sussegwentement, fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2001, l-istess xhud spjega li ta kopja tal-iskedar kemm lil Salvu Schembri kif ukoll lil Paul Polidano ghan-nom ta' Schembri and Polidano, kif ukoll lill-konsulent taghhom.

Il-Bord ma ghamel ebda referenza ghax-xhieda moghtija minn Franco Pisani quddiem il-Qorti tal-Magistrati izda sempliciment strah fuq ix-xhieda li l-istess Franco Pisani ta quddiem l-istess Bord.

*Inoltre* jinghad illi l-Awtorita' ma pprezentatx ix-xhieda ta' Franco Pisani quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex tattakka lix-xhud taghha, izda sempliciment sabiex tamplifika fuq dak li kien xehed l-istess Pisani.

3. Illi dwar it-tieni aggravju, u cjoe' li galadarba x-xhud allegatament ma ftakarx precizament id-data meta d-dokument inghata lill-appellant nomine, dan ma jistax jitqies bhala notifika valida skond il-ligi, jinghad illi hawnhekk si tratta ta' kwistjoni ta' fatt, u cjoe' meta saret in-notifika u l-kredibbilta' tax-xhud, liema punti jaqghu fid-diskrezzjoni esklussiva u finali tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

*Inoltre* jinghad illi kulma sar fil-laqgha fejn kien hemm prezenti x-xhud Franco Pisani, l-appellant *nomine* u l-Perit tieghu, liema laqgha saret fi Frar tal-1998, kien li l-appellant *nomine* u l-konsulent tieghu nghataw kopja ta' l-iskedar li kien gie pubblikat fil-gazzetta tal-Gvern. L-ippubblikar ta' tali skedar fil-Gazzetta tal-Gvern jammonta ghal notifika *erga omnes* u ghaldaqstant iz-zmien sabiex l-appellant *nomine* jaghmel l-appell tieghu beda jiddekorri mhux minn meta nghata kopja ta' tali skedar fi Frar tal-1998 izda mid-data tal-pubblikazzjoni ta' tali skedar fil-Gazzetta tal-Gvern numru 400/96.

*Inoltre* l-appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar sar f'Gunju tal-1999, u cjoe` izjed minn sena wara tali laqgha. Dan it-trapass ta' zmien jaghmel certament

irrelevanti d-data preciza fi Frar tal-1998 li fih l-appellant *nomine* nghata kopja ta’ l-iskedar.

4. Finalment, dwar it-tielet aggravju jinghad illi mkien fl-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp ma hemm indikat li n-notifika li ghandha ssir lis-sid ta’ l-art li tkun giet skedata trid issir permezz ta’ ittra ufficjali. Kulma tirrikjedi l-ligi huwa li s-sid jigi notifikat b’tali skedar. Ma hemm ebda dubju, anzi l-appellant nomine stess ammetta, illi tali skedar kien gie notifikat lill-appellant nomine. Fil-fatt l-appellant *nomine* kien inghata kopja tad-dettalji dwar l-iskedar kif kienu gew pubblikati fil-gazzetta tal-Gvern u ghalhekk l-appellant *nomine* kellu ferm izjed minn xjenza *piu o meno* vaga tal-iskedar.

In vista tal-premess l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja’ prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell fit-13 ta’ Settembru 2002 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant nomine Salvu Schembri nomine, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fit-13 ta’ Settembru 2002, bl-ispejjez kontra l-istess appellant nomine.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 28 t’Ottubru 2002, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Salvu Schembri f’isem Polidano & Schembri Co. Ltd. vs Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbali tas-27 ta’ Jannar 2003 u tas-7 t’April 2003 fejn id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti prezentati. Il-Qorti tat fakolta’ lill-appellant biex jipprezenta nota t’osservazzjonijiet fi zmien hamsin (50) gurnata bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollhom ukoll l-istess terminu ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta’ Jannar 2004 fejn regghet thalliet ghal darb’ohra ghas-sentenza ghall-lum 21 ta’ Jannar 2004.

Rat id-decizjoni tal-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern gie nterpost ghaliex l-appellant qed ihossu aggravat mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar meta cahadlu l-appell mill-iskedar billi wasal ghall-konkluzjoni li l-appell quddiem l-istess Bord kien *fuori termine.* Illi fil-fatt l-appell tieghu quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien fl-ewwel lok ibbazat fuq is-sottomissjoni tieghu maghmula fl-appell tieghu quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li *"we were never informed of the scheduling of the site, and therefore were not in a position to appeal at an earlier stage".*

Illi fil-fatt ghal dan l-istess Awtorita' ta' l-Ippjanar fl-ewwel seduta quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ecceppiet mill-ewwel li *"L-Awtorita' tecepixxi n-nullita' ta' l-appell stante li dan sar 'fouri termine'. Di fatti fl-ewwel raguni ta' l-appell l-appellant jiddikjara li qatt ma kien informat bl-iskedar tas-sit mentri kif ser jirrizulta mix-xhieda ta' Franco Pisani dan mhu minnu xejn".*

Illi fil-fatt id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kienet fis-sens li *"l-Bord jilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' l-Awtorita' jiddeciedi illi l-appell gie prezentat tardivament u jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell".*

Illi fil-kaz quddiem din il-Qorti l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fl-allegazzjonijiet tieghu li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien zbaljat fi tliet punti :- ( i) li ammetta x-xhieda ta' Franco Pisani li taha quddiem Qorti ohra bhala parti mill-process meta dan ix-xhud kien tressaq jixhed quddiem il-Bord huwa nnifsu; (ii) anki jekk tali xhieda tigi ammessa din ma tistax tammonta bhala notifika valida skond il-ligi; (iii) il-ligi tirrikjedi li l-iskedar ghandu jigi

notifikat lis-sid b'ittra ufficjali u t-terminu ta' dak l-appell jghaddi minn tali notifika.

Illi l-Awtorita' eccepiet preliminarjament in-nullita' ta' l-appell interpost minhabba li mhux qed isir abbazi ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap.356.** Illi mbaghad eccepew fil-mertu ghall-aggravji li ressaq l-appellant.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' din il-Qorti diga' kellha diversi opportunitajiet biex tidhol f'din il-kwistjoni. Illi ghalhekk issir referenza ghal l-istess gurisprudenza konstantanti u sejra tillimita ruhha biss biex tghid li l-gurisdizzjoni taghha taht dan l-Att hija wahda limitata. Fil-fatt l-**artikolu 15 (2) tal-Kap.356** jipprovdi illi:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell(Kompetenza Inferjuri)."*

Illi 'nfatti fis-sentenza fl-ismijiet **"Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C.31 ta' Mejju 1996) intqal :-

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi…Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa, u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata."*

Illi fid-decizjoni **"George Camilleri vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP_ App.Nru:12/02 – 28 ta' April 2003) saret referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002) fejn il-Qorti tenniet li hija *"qeghda taghmel din l-osservazzjoni ghaliex kif inghad aktar 'il fuq il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, f'<u>appelli bhal dawn</u> cjoe` taht l-Att Numru I tal-1992 konsegwentement hija limitata hafna. Din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrevedi w tirrimedja <u>ghal kwalunkwe</u> mankanza, immaginata jew*

*reali, li tkun esposta mill-parti aggravata minn decizjoni tal-Bord. Invece, din il-Qorti tista', u ghandha tintervjeni biss fil-kazijiet li jolqtu direttament xi punt ta' ligi li jkun gie espressament deciz mill-Bord. Evidentement l-aggravju li l-Bord naqas li jaghti d-debita konsiderazzjoni lil xi fatturi rilevanti jew anke li l-Bord ha in konsiderazzjoni xi fatti rrilevanti, ma jikkostitwixxux punt ta' dritt deciz mill-Bord u ghalhekk ma jaghtux lok t' appell lil din il-Qorti taht il-ligi msemmija. Il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrezzjoni tal-Bord, liema diskrezzjoni ma hijiex sindakabbli minn din il-Qorti f'appelli bhal dawn."*

Illi tenut kont tal-premess fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant *nomine* ssottometta li x-xhud Franco Pisani kien ta x-xhieda tieghu quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u f'dik ix-xhieda kien stqarr li ma kienx jiftakar jekk kienx ta kopja tal-iskedar lill-appellant. Sussegwentement l-Awtorita' esebiet ix-xhieda li kien ta l-istess xhud quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Din ix-xhieda, dejjem skond l-appellanti, kienet ghalhekk inammissibbli ghax mhux lecitu li wiehed jesebixxi x-xhieda li xhud ikun ta f'Qorti ohra meta dak ix-xhud ikun tressaq jixhed huwa nnifsu. Jekk l-Awtorita' riedet tattakka x-xhieda ta' l-impjegat taghha stess allura dik ix-xhieda kienet doppjament inammissibbli ghaliex mhux lecitu li l-parti tattakka dak li x-xhud taghha jkun stqarr taht gurament.

Illi jinghad fl-ewwel lok li dan l-aggravju jikkoncerna l-procedura li giet segwita mill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-kaz *de quo,* u jidher li l-istess appellant qed jattaka l-ammissibbilta' *o meno* tat-traskirzzjoni tax-xhieda mehuda quddiem Qorti tal-Magistrati, ta' xhud li effettivament xehed quddiem l-istess Bord.

Illi dwar dan jinghad li ma hemm l-ebda dubju li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ghandu l-poter u d-dritt li jirregola l-procedura tieghu u l-mod kif l-appell jigi trattat quddiemu; l-istess japplika ghall-ammessibbilta' ta' xhieda u produzzjoni ta' dokumenti quddiemha, b'dan li dejjem ghandhom jigi sewgiti, anke bhala principji bazici l-principji

bazilari ta' *"audi alteram partem'* u principji huma ta' gustizzja naturali.

Illi jigi rilevat mill-ewwel li l-appellant ma kkwota l-ebda dispozizzjoni tal-ligi li timmilita kontra l-produzzjoni ta' tali traskrizzjoni ta' xhieda mehuda quddiem organu gudizzjarju quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u certament dan il-punt jimmilita u fi kwalunkwe kaz jippregudika t-tezi ta' l-appellant li dan huwa punt ta' dritt deciz mill-Bord ta' l-Appell, *stante* li l-appellant ma ndika l-ebda dispozizzjoni tal-ligi li tipprovdi bhal ma jsostni huwa fl-appell odjern.

Illi fil-fattispecie tal-kaz *de quo* jirrizulta li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ippermetta l-istess xhieda ndikata mill-appellanti, bla ma qatt fl-istess proceduri l-istess appellanti odjerni ma gabu l-ebda forma ta' oppozizzjoni kwalunkwe, izda fuq kollox jidher li d-decizjoni ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li thalli tali dokument jigi esebit, ma hija kontra l-ebda dispozizzjoni tal-ligi, u ghalhekk kienet fil-kompetenza tieghu li jawtorizza jew jippermetti l-esebizzjoni tal-istess.

Illi apparti dan kollu jidher mill-qari tad-decizjoni tal-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u wkoll mill-process relattiv li kien ghad-dispozizzjoni tal-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u li abbazi tieghu nghatat id-deczjoni appellata llum, li l-istess Bord ta' l-Appell ibbaza l-konkluzjonijiet tieghu fuq ix-xhieda li huwa semgha quddiemu *viva voce u seduta stante,* kif jirrizulta mid-depozizzjoni tal-istess xhud Franco Pisani u ta' xhieda ohra li jirrizultaw mill-atti processwali u mis-seduti mizmuma quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u kif gie ndikat ukoll fir-risposta tal-appellati. Hawn wiehed jirreferi ghax-xhieda li nghatat minn Franco Pisani fl-14 ta' Settembru 1999 u 2 ta' Novembru 2001, u ta' Adrian Mallia u Dr. Dimitrio Duca wkoll fit-2 ta' Novembru 2001 u ghalhekk jidher car li dan l-aggravju huwa nsostenibbli.

Illi apparti dan jirrizulta li d-depozizzjoni tal-istess xhud quddiem il-Qorti tal-Magistrati moghtija fit-22 ta' Lulju

1999 giet esebita quddiem l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fil-kors tal-istess appell quddiemu u mill-verbali kollha quddiem l-istess Bord ma jidhirx li saret xi forma ta’ oggezzjoni mill-istess appellant ghall-prezentata tal-istess dokument, anzi wara instemghu x-xhieda fuq indikati li lanqas huma kontradetti.

Illi huwa veru li fis-sentenza **“Piju Camilleri vs Carmel Attard noe et noe”** (A.C 14 ta’ Marzu 1995 - Vol.LXXIX.II.364) intqal :-

*“li l-artikolu 559 Kap.12 jesigi minghand il-Qorti li hija ghandha tordna li ssirilha l-ahjar prova, u din certament hija d-depozizzjoni quddiemha, viva voce, tax-xhud u mhux it-traskrizzjoni quddiem Qorti ohra”;*

*“Il-procedura korretta tobbliga lill-konvenuti illi jipproducu bhala xhieda lill-persuni li jkunu ddeponew fil-kawza….li ssemmiet, u jista’ wkoll, kif tippermetti l-ligi, li jikkontrollaw dik ix-xhieda, b’dak li jkunu qalu quddiem Qorti ohra, billi f’cirkostanzi bhal dawn, imbaghad, kopji awtentici tat-traskrizzjonijiet huma ammissibbli;”*

Illi pero’ apparti l-fatt li l-istess Bord ta’ l-Appell jidher li mexa *mutu propro* konsistentement ma’ tali r-regoli, bhala massimina r-regoli ta’ procedura quddiem il-Qrati ordinarji mhux necessarjament japplikaw ghall-proceduri quddiem l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar proprju ghaliex l-istess Bord ta’ l-Appell ghandu l-poter jirregola l-procedura tieghu anke b’regolamenti *ad hoc* dment dejjem li certu principji bazici bhal dak ta’ *audi alteram partem* u l-principji ta’ gustizzja naturali jigu osservati.

Illi fl-ahharnett lanqas jirrizulta li l-istess dokumenti gew esebiti sabiex jiskreditaw ix-xhieda ta’ xhud stess tal-Awtorita’; anzi mid-despozizzjonijiet moghtija jidher adirittura l-kuntrarju, *stante* li x-xhieda fil-process kollu hija konsistenti li ufficjali tal-Awtorita’ nformaw lill-appellanti bl-iskedar mertu tal-kaz odjern. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju ghandu u qed jigi michud kemm ghaliex ma huwiex punt ta’ dritt u wkoll ghaliex fi kwalunkwe kaz

huwa wkoll manifestament infondat kemm fil-fatt u kemm fid-dritt.

Illi dwar it-tieni aggravju l-appellant *nomine* issottometta illi anki jekk tali xhieda tigi ammessa, xhieda li sostanzjalment ma tiftakarx id-dettalji precizi tad-dokument in kwistjoni, u partikolarment tad-data preciza ta' meta dak id-dokument ikun inghata ma tistax tammonta ghal notifika valida skond il-ligi. Jekk dan jigi ammess allura n-notifiki kollha jsiru *liable* ghall-interpretazzjoni soggettiva tal-parti. In-notifika trid issir u tigi ppruvata f'termini precizi u mhux biss f'sens li wiehed jiftakar li f'sena jew f'xahar partikolari jkun ikkonsenja dokument.

Illi dwar dan l-appellant odjern, *nonostante* li nghata l-opportunita' li jipprezenta wkoll nota tal-osservazzjonijiet, li baqa' ma pprezentax, lanqas jirreferi ghall-ebda artikolu tal-ligi li jostni s-sottomissjoni tieghu, u din baqghet il-pozizzjoni tal-appellant sad-data tal-ghoti tad-decizjoni odjerna.

Illi pero' dwar dan l-aggravju l-Qorti tirreferi ghal dak li jghid **artikolu 46 (2A) tal-Kap.356** u cjoe' :-

*"Il-lista ta' proprjeta' skedata u kull zieda maghha jew bidla fiha, ghandhom jigu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti lokali. L-Awtorita' ghandha wkoll tavza lil xi wiehed mis-sidien tal-proprjeta' skedata bil-fatt li din tkun giet inkluza fil-lista. Avviz dwar dan l-iskedar ghandu wkoll jitwahhal fis-sit…."*

Illi minn qari ta' dan l-artikolu huwa evidenti li l-ligi in kwistjoni tirrikjedi li apparti li l-lista u kull zieda jew bidla fiha ghandhom jigu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti lokali, l-Awtorita' ghandha wkoll tavza lil xi wiehed mis-sidien jekk xi wiehed minnhom almenu jkun maghruf u huwa biss *"jekk mhux ragonevolment possibbli li jigu nofitikati dawk is-sidien, l-avviz imsemmi ghandhu jitwahhal biss fis-sit u ma jkunx hemm bzonn issir notifika lil dawk is-sidien kif imsemmi qabel".*

Illi fuq dan il-punt ta' kif persuna tigi moghtija avviz jew avzata b'ordnijiet ta' l-Awtorita' u wkoll ordni bhal dik mertu tal-kontestazzjoni odjerna l-**artikolu 62 (1) tal-Kap.356** jipprovdi li:-

*"(1) Meta xi avviz jew att jew dokument iehor, ikun x'ikun, huwa mehtieg jew awtorizzat li jigi notifikat jew moghti skond jew taht dan l-Att, jista' jigi notifikat jew moghti f'kull wiehed mill-modi li gejjin :*

*(a) billi jinghata f'idejn il-persuna li ghandha tigi notifikata jew li lilha ghandha tinghata;"*

Illi minn qari ta' dan l-artikolu l-ligi tipprovdi diversi metodi ta' kif avviz jew att jew dokument iehor ghandu jigi notifikat, nkluz dik indikata fl-**artikolu 62 (1) (a)** fuq appena citata. Fil-fatt, kif citat, wahda mill-modi ta' kif avviz jew dokument jigi notifikat *"jew moghti"* f'idejn il-persuna li ghandha tigi notifikata jew li lilha ghandha tinghata, huwa proprju dak fuq deskritt. Illi konsegwenti ghall-stess provizjoni tal-ligi jidher li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, abbazi tax-xhieda li saret ukoll quddiemu, iddecieda li jaccetta t-tezi ta' Franco Pisani w ufficjali ohra tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar, li kollha kemm hija kienet fis-sens li l-istess ufficjal tal-Awtorita' ghadda kopja tal-iskedar lill-appellant u certament tenut kont tal-fatt li tali evalwazzjoni tax-xhieda tispetta lill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, l-istess Bord ta' l-Appell ghamel il-konstatazzjonijiet u d-decizjoni tieghu, fejn accetta din il-versjoni; verzjoni li kienet konformi mal-ligi ta' kif tali ordni kellha wkoll tigi moghtija lill-persuna koncernata u ghalhekk tali mod ta' kf id-dokumenti gie trasmess lill-appellanti jidher ukoll li kien konformi mal-ligi, u ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-punt ma kien hemm ebda zball ta' ligi fid-decizjoni tal-istess Bord. Dwar l-evalwazzjoni tax-xhieda din ovvjament tispetta lill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, izda jinghad ukoll li l-unika xhieda quddiem l-istess Bord kienet dik konsistenti li jsostni t-tezi tal-Awtorita', u kif qalet l-istess decizjoni, din ma kienet bl-ebda mod kontradetta mill-istess appellanti, u ghalhekk anke hawn l-istess appell tal-appellanti jidher li huwa wkoll insostenibbli.

Illi dwar il-kwistjoni imbaghad tal-kredibbilta' tax-xhud jekk saritx in-notifika jew le din hija kwistjoni ta' fatt u certament tali evalwazzjoni tispetta lill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, ghalkemm jidher li ghall-grazzja tal-argument l-analizi li saret hija sorretta mill-provi konsistenti migjuba quddiemha.

Illi fit-tielet aggravju tieghu l-appellant nomine sostna li l-ligi tirrikjedi li l-iskedar jigi notifikat lis-sid b'ittra ufficjali u t-terminu ta' dak l-appell jghaddi minn tali notifika. F'dan il-kaz ma saret l-ebda prova li tali notifika kienet hekk saret u ghalhekk it-terminu ma kienx ghadda. Huwa kompla li ladarba l-ligi tirrikjedi notifika b'ittra ufficjali huwa dak li jrid isir biex it-terminu jibda jghaddi, u x-xjenza *piu' o meno* vaga, li jkun sar xi skedar wahedha mhux sufficjenti sabiex jibda jghaddi t-terminu. L-Awtorita' kienet obbligata taghmel in-notifika tal-iskedar fit-terminu tal-ligi fuq is-sidien, haga li naqset li taghmel. Ghalhekk mhux korrett li wiehed jikkonkudi li l-appell kien barra t-terminu.

Illi anke dan l-aggravju jidher li huwa bla bazi *stante* li jidher li kif qalet tajjeb l-Awtorita', ma hemm imkien indikat fl-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp li ghandha ssir in-notifika lis-sid ta' l-art li tkun giet skedata permezz ta' ittra ufficjali. Fil-fatt jigi sottolineat li l-appellant ghal darba ohra ma ndika jew irrefera ghall-ebda artikolu tal-ligi fejn hemm tali kondizzjoni mposta jew fejn il-ligi tindika tali rekwizit tan-notifika bl-ittra ufficjali, u dan meta l-appellant f'dan l-aggravju qed jattakka biss il-mod kif issir notifika, u allura l-mument meta jibda jiddekorri t-terminu tal-appell. Fil-fatt dwar notifika kulma tirrikjedi l-ligi huwa biss li s-sid jigi notifikat jew moghti f'idejh kopja tal-istess dokument u dan kif jirrizulta mill-**artikolu 62 (1) (a)** gja citat *oltre* moghdi ta' notifiki ohra anke skond l-istess artikolu li pero' ma humiex dik permezz ta' ittra ufficjali. Ghalhekk dan l-aggravvju wkoll huwa bla bazi.

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet premessi l-appell interpost ghandu jigi michud.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet ghall-appell sollevati mill-appellati fir-risposta taghhom tad-29 ta’ Ottubru 2002 u dan biss inkwantu l-istess huma konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors taghhom tal-appell datat 30 ta’ Settembru 2002** *stante* li huwa nsostenibbli u nfondat fil-fatt u fid-dritt, u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **“Salvu Schembri f’isem Polidano & Schembri Co. Ltd. vs Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** datata 13 ta’ Settembru 2002.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant *nomine.*

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------